**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 23 t' April, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Jack Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jack Azzopardi bin Emanuel u Catherine nee' Gauci, imwieled Pieta' fit-28 ta' Novembru, 1987, residenti gewwa l-fond numru 10 Flat 1 Triq il-Qrendi Zurrieq u detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 537287(M) akkuzat talli

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, fit- 22 ta` April 2019 u/jew fil-granet ta` qabel, f` hinijiet differenti, f` dawn il- Gzejjer, b` diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi

zminijiet differenti, u li kisru l-istess disposizzjonijiet tal- ligi u gew maghmula b` rizoluzzjoni wahda (Art. 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta):

Akkuzat aktar talli ikkaguna lil Carmel Polidano biza’ li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta’ tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-artikolu (Art. 251B tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta’ Malta)

Akkuzat aktar talli fit- 22 ta` April 2019 ghal habta tal-erbgha u kwart ta` wara nofs in-nhar (04:15p.m) fi Triq it-Tempesta, Qrendi u/jew fil-vicinanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli (hsara fuq vettura tal-ghamla Ford, b` numru ta` registrazzjoni FCA184) meta l-ammont ta` hsara ma jiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (2,500), izda aktar minn mitejn u hamsin euro (250) ghad-dannu ta` Carmel Polidano u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra. (Art. 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fil-gisem ta' Carmel Polidano (Art 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta` Malta)

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art. 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hinijiet u cirkostanzi ingurjajt jew heddidt lil Carmel Polidano (Art. 339 (1) (e) Kapitolu 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f`kaz ta htija tipprovdi ghal garanzija ta` Carmel Polidano skond artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet gentilment ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta u protezzjoni ta' Carmel Polidano kif jidrilha xieraq, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' u ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-udjenza tat-23 t' April, 2019, ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li ghandu fedina penali kwazi nadifa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 251B, 325(b) u 221 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum u bil-kundizzjoni li sa zmien sitt (6) xhur ihallas lil Carmel Polidano s-somma ta' hames mija tmienja u tletin Ewro u disgha u tletin Ewro centezmu (€538.39c).

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuna protetta hija Carmel Polidano.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**